MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Numru. 11/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**GEORGE DEGIORGIO**
**FRANCIS FORMOSA**
**JEAN CLAUDE CASSAR**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat GEORGE DEGIORGIO ta' erbghin sena bin Louis u Giuseppa nee Bezzina, imwieled Marsa nhar l-wiehed u tletin ta' Dicembru 1962 u joqghod 'Maruska Flats', Flat 10, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 164963M, FRANCIS FORMOSA ta' tnejn u tletin sena bin Francis u Josephine nee Gatt, imwieled Pieta nhar d-dsatax ta' Settembru 1970 u joqghod 'Kensington Court', Triq Bordin, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 409470M u

JEAN CLAUDE CASSAR ta' tmienja w ghoxrin sena bin Carmel u Victoria sive Vicky nee Cilia, imwieled San Giljan nhar t-tnejn ta' Novembru 1974 u joqghod 'Beverley Flats', Flat 1, Triq ic-Caghaq, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 528374M gew mressqa quddiemha akkuzati talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2003 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, bhala persuni ikkundannati f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, kellhom fil-pussess taghhom oggetti u ghodod ohra tajba ghal ftuh jew sgassar, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandhom;

Talli saru recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex kif wkoll ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Lil Francis Formosa wahdu talli kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija lilu nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom it-tlett statements rilaxxjati mill-imputati markati bhala dokumenti CSH 1 li jinsab a fol 17, CSH 2 li jinsab a fol 19 u CSH 3 li jinsab a fol 22 al-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati gew akkuzati b'dak li jiddisponi l-artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe bir-reat ta' pusses ta' oggetti mhux gustifikati meta l-istess persuna tkun gia kkundannata ghar-reat ta' serq jew ricettazzjni.

Illi sabiex tirnexxi din l-akkuza il-Prosekuzzjoni trid tipprova s-segwenti:

1. li l-imputati kellhom fil-pusess taghhom oggetti u ghodod tajba ghal ftuh jew sgassar;
2. meta ma tawx kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandhom;

3. u dan wara li l-istess imputati ikunu gia nstabu hatja tar-reat ta' serq jew ricettazzjoni.

Ghall-ezistenza ta' dan r-reat jehtieg li t-tlett elementi ikunu presenti ilkoll flimkien.

Ma hemmx dubbju li mix-xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi moghtija nhar t-tnax ta' Gunju 2003, jirrizulta li t-tlett imputati gew imwaqqfa fl-Imgarr vicin il-vapur ta' Ghawdex nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2003 meta kellhom fil-pussess taghhom u cioe fil-vettura li nstabu fiha, fost affarijiet ohra, crowbar, martell, bicctejn hbula, zewg torches, mus u par ingwanti.

Illi bla tqanqil ta' xejn il-Qorti thoss li dawn l-istess oggetti zgur jistghu intuzaw ghal ftuh jew sgassar ta' postijiet u ghalhekk l-ewwel element ta' dan ir-reat gie ppruvat sodisfacentement.

Dwar it-tieni element u cioe dwar x'kien l-iskop tal-pussess ta' dawn l-oggetti l-imputati ghalkemm ma xehdux f'dawn il-proceduri, rrilaxxjaw stqarrija u ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghaliha peress li jispetta lil imputati jaghtu kont sodisfacenti tal-pussess tal-oggetti misjuba ghandu f'kaz li t-tielet element jirrizulta wkoll.

Francis Formosa fl-istqarrija tieghu markata bhala dokument CSH 1, ghazel li ma jwegibx ghad-domanda li saritlu mill-Pulizija Investigattiva u cioe x'kien qed jaghmel fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAK 447 bl-ghodod meta gie mwaqqaf mill-Pulizija.

Jean Claude Cassar fl-istqarrija tieghu esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 2 dwar il-pusses tal-ghodod jghid li veru kien fil-karozza bin-numru ta' registrazzjoni CAK 447 riekeb mal-ko-akkuzati l-ohra meta gie mwaqqaf mill-Pulizija pero jghid li ma kienx jaf bil-pussess tal-oggetti li jintuzaw fis-serq; kien biss bl-ezistenza bil-hbula.

George Degiorgio fl-istqarrija tieghu markata esibita fl-atti bhala dokument CSH 3, ghazel li ma jirrispondix id-

domandi li gew imposti fuqu biex jaghti spjiegazzjoni ghall-pussess tal-oggetti fuq indikati. Naturalment kellu kull dritt li ma jirrispondix d-domandi li sarulu pero b'hekk ma tax kont sodisfacenti ghal pussess legittimu taghhom kif rikjest mill-ligi.

Illi dwar dan it-tieni element ghalhekk ma hemmx dubbju li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprovah wkoll, u dan ghaliex hadd mill-imputati ma ta kont sodisfacenti tar-raguni tas-sejba tal-oggetti misjuba ghanhom.

Dwar t-tielet u l-ahhar element u cioe li l-imputati diga nstabu hatja ta' serq u ricettazzjoni, il-Qorti fliet l-atti odjerni bi-reqqa kollha u minn ezami tal-fedina penali ta' l-imputat Francis Formosa esibita fl-atti w immarkata bhala dokument CSH 7 et seq, jirrizulta li dan l-imputat ghandu erbgha convictions pero wahda biss tittratta fuq serq ta' oggetti minn vettura ghall-liema reat kien instab hati u nghata probation ghal tlett snin.

Illi dwar is-sentenza li tinsab esibita fl-atti a fol 45 et seq markata bhala dokument CSH 11, minn imkien ma jirrizulta li din l-istess entenza giet konfermata fil-konfront tal-imputat Francis Formosa dwar l-identita tieghu u ghalhekk zgur ma tikkostitwix prova u konsegwentement fil-konfront tieghu dan t-tielet element ma gie ppruvat.

Minn ezami tal-fedina penali tal-imputat George Degiorgio esibita fl-atti odjerni bhala dokument CSH 8 a fol 29 et seq, jirrizulta li l-imputat kiser dufrejh mal-ligi ghal inqas sebgha darbiet u fost l-akkuzi li nstab hati taghhom huwa nstab hati tal-akkuza ta' serq fis-sena 1981 b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi din is-sentenza tinsab esibita fl-atti a fol 42 et seq markata bhala dokument CSH 12.

Illi din is-sentenza wkoll ma gietx konfermata fil-konfront tal-imputat George Degiorgio u ghalhekk ma tikkostitwix prova fil-konfront tieghu u konsegwentement t-tielet element ta' dan r-reat wkoll ma jirrizultax fil-konfront tieghu.

Dwar t-tielet imputat u cioe Jean Claude Cassar, il-Qorti ezaminat l-fedina penali tieghu esibita fl-atti a fol 37 et seq markata bhala dokument CSH 9 minn fejn jirrizulta li l-imputat kien kiser dufrejh mal-ligi almenu sittax il-darba fuq medda ta' zmien ta' ghaxar snin.

Illi minn ezami tal-istess fedina penali jirrizulta li dan l-imputat diga nstab hati tal-akkuzi ta' serq fis-snin 1992, 1993, 1997 u 1998 u cioe hames darbiet.

Il-Prosekuzzjoni esibit diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu [vide dokument CSH 13, CSH 14, CSH 15, CSH 16, CSH 17 u CSH 18].

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet lis-Supretendent Bartolomeo Mula jixhed nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 w ikkonferma li huwa kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur fil-konfront tal-imputat Jean Claude Cassar meta nghata is-sentenza esibita markata bhala dokument CSH 15 mill-Qorti tal-Appell Kriminali meta l-imputat kien instab hati tar-reat ta' attentat ta' serq fl-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 1997.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet lil ex Assistant Kummissarju Noel Cutajar sabiex possibilment jikkonferma is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tnejn ta' Settembru 1992 li tinsab esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 13 fil-konfront tal-imputat.

Illi l-ex Assistant Kummissarju xehed il-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 pero stqarr li ma kienx f'posizzjoni li jaghraf lil imputat Jean Claude Cassar bhala l-istess persuna kontra min inghatat dik is-sentenza markata bhala dokument CSH 13,

Illi din il-kawza hija wahda sommarja ghaliex f'kaz ta' htija il-Qorti tista taghti prigunerija sa tlett xhur biss u ghalhekk il-Prosekuzzjoni messha imxiet bi procedura sommarja billi tressaq ix-xhieda taghha f'seduta wahda, haga li hi m'ghamlitx.

Illi l-Prosekuzzjoni naqset wkoll li ggib riferta sabiex tiggustifika t-talba tad-differiment taghha ghat-tahrika tax-xhieda u ghalhekk il-Qorti cahdet tali talba wara li rat l-opposizzjoni tad-Difiza.

Illi il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-akkuza taghha kif naxxenti mill-artikolu 287 tal-Kap 9 kontra l-imputat Jean Claude Cassar biss.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 49, 50 u 287 tal-Kap 9 u l-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputati GEORGE DEGIORGIO u FRANCIS FORMOSA hatja tal-akkuza kif addebitata fil-konfront taghhom u tilliberahom minnhom u tiddikjara li ssib lil imputat JEAN CLAUDE CASSAR hati u wara li rat l-fedina penali tieghu li hija pjuttost ktieb, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' xaghrejn mill-liema perjodu jrid jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arreat preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------